MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 796/2003/1

**Avukat Renato Cefai bhala madnatarju**
**tad-ditta estera All. Co. s.p.a.**

**v.**

**J & M Aluminium Ltd**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur nomine li tghid hekk:

“Peress illi fuq ordinazzjoni tad-ditta konvenuta, s-socjeta` attrici bieghet u kkonsenjat lill-istess ditta konvenuta merkanzija konsistenti fi prodotti ta’ l-aluminium u l-ammont bilancjali dovut odjern wara li thallsu xi akkonti huwa ta’ Euro 12.634 (tnax-il elf sitt mija u erbgha u tletin) ekwivalenti skond ir-rata tal-kambju tal-lum ghall-Lm5406 (hamest elef erba’ mija u sitt liri Maltin).

“Peress illi d-ditta konvenuta ma hallsitx il-bilanc dovut minkejja bosta interpellazzjonijiet.

“Peress illi l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma ta’ l-attur nomine d-ditta konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti ghat-talba li qed issir.

“Tghid ghalhekk id-ditta konvenuta ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

“1. tghaddi ghat-talba ta’ l-attur nomine bid-dispensa tas-smigh skond l-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili.

“2. tikkundanna lid-ditta konvenuta, ghar-ragunijiet fuq citati, thallas Euro 12.634 (tnax-il elf sitt mija u erbgha u tletin) ekwivalenti fi flus Maltin Lm5405 (hamest elef erba’ mija u erbgha u tletin) ekwivalenti fi flus Maltin Lm5406 (hamest elef erba’ mija u sitt liri Maltin) kif ukoll tikkundanna lid-ditta konvenuta thallas imghax tat-8% fuq din is-somma mill-31 ta’ Jannar 2003, sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez, u imghaxijiet kif fuq citati, inkluzi dawk ta’ l-ittri tat-13 ta’ Gunju 2003 u tat-30 ta’ Gunju 2003 u dawk tal-mandat kawtelatorju ta’ qbid, u sekwestru tal-lum kontra d-ditta konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.”

Rat id-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta’ Novembru, 2004, li in forza tieghu ordnat li l-kawza timxi bi proceduri normali, u tat lis-socjeta` konvenuta zmien ta’ 20 jum sabiex tipprezenta l-eccezzjonijiet;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:
"1. t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta` konvenuta kienet kreditrici ta' l-attur nomine fis-somma identifika mitluba fic-citazzjoni u kwindi l-ammont reklamat gie pacut skond kif jiddisponi l-istitut tat-Tpacija tal-Kodici Civili, liema tpacija giet effettivament rikonoxxuta u accettata meta s-socjeta` attrici accettat il-hlas ghas-saldu li s-socjeta` esponenti effettwatilha f'Gunju 2003 ta' l-ammont bilancjali ta' ghaxart elef mija u wiehed punt sebgha tnejn euros (€10,101.72) li kien dovut, wara t-tnaqqis ta' l-ammont dovut lis-socjeta` konvenuta, fuq il-merkanzija akkwistata minghand l-istess socjeta` attrici.

"2. sussidjarjament u bla pregudizzju, is-socjeta` attrici ma tistax fi kwalunkwe kaz tinvoka n-nuqqas ta' l-applikabbilita` tat-tpacija peress li japplika l-principju kontra l-istess socjeta` attrici ta' "fraus omnia corrumpit"."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Gunju, 2005, li in forza taghha iddecidiet il-kawza:
"billi tgħid illi seħħet tpaċija biss ta' mija u ħamsin lira (Lm150) u għalhekk tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi ħamest elef, mitejn u sitta u ħamsin lira (Lm5,256)[1] flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet
"Il-konvenuta ma hijiex qiegħda tikkontesta illi hija kellha tagħti lill-attriċi daqskemm l-attriċi qiegħda titlob fiċ-ċitazzjoni, iżda qiegħda tgħid illi seħħet tpaċija ma' dak li hi kellha tieħu mingħand l-attriċi bħala *commissions*.

"Il-fatti kif rakkontati mill-konvenuta ġraw hekk:
"Fl-1991 kien sar ftehim bil-miktub bejn is-soċjetà attriċi, li hija taljana, u dik konvenuta li bis-saħħa tiegħu l-attriċi kienet ħatret lill-konvenuta bħala aġent tagħha, u ta' dan l-attriċi kellha tħallas lill-konvenuta kummissjoni ta' wieħed fil-mija (1%) fuq il-bejgħ tagħha f'Malta.

[1] Illum (€12,243.18)

“Barra minn din ir-rabta ta’ aġenzija, il-konvenuta kienet ukoll klijent ta’ l-attriċi għax kienet ukoll tixtri hi stess prodotti mingħand l-attriċi.

“Ir-relazzjoni ta’ aġenzija ntemmet fl-1998, għalkemm ir-relazzjoni l-oħra baqgħet għaddejja sa xi snin wara. Il-konvenuta issa qiegħda tgħid illi l-kummissjonijiet li kellha tieħu għas-sena 1998 l-attriċi baqgħet ma ħallsithomlhiex, u għalhekk tippretendi li seħħet tpaċija bejn dawk il-kummissjonijiet u l-bilanċ ta’ dak li għandha tagħti hi għal merkanzija li xtrat mingħand l-attriċi. Barra minn dawn il-kummissjonijiet, il-konvenuta kellha tieħu wkoll mija u ħamsin lira (Lm150) għal xi xogħol li għamlet għall-attriċi meta din ħadet sehem fil-Fiera Internazzjonali ta’ Malta fl-2002.

“L-attriċi, fil-waqt illi taqbel illi kien hemm relazzjoni waħda ta’ aġent u prinċipal, u relazzjoni oħra ta’ xerrej u bejjigħ, tgħid illi r-relazzjoni ta’ aġent u prinċipal kienet mhux mas-soċjetà konvenuta iżda ma’ Joseph Bartolo *proprio*. Joseph Bartolo huwa direttur tal-konvenuta. Qiegħda tgħid ukoll illi r-relazzjoni ta’ aġent u prinċipal intemmet mhux fl-1998 iżda fl-1997, u għalhekk ma għandhiex tagħti kummissjonijiet għall-1998.

“L-aħjar prova dwar min kien tassew l-aġent ta’ l-attriċi, jekk hux is-soċjetà konvenuta jew Joseph Bartolo *proprio*, kienet tkun il-kitba ta’ l-1991 li biha sar il-ftehim. L-attriċi offriet illi tesebixxi kopja ta’ din il-kitba, iżda l-konvenuta opponiet u l-qorti laqgħet l-oppożizzjoni u ċaħdet it-talba għax id-dokument ma ġiex esebit fil-waqt tal-kawża meta kellu jiġi esebit, skond id-dikriet tal-10 ta’ Novembru 2004.

“Madankollu, ladarba hija l-konvenuta li kellha tagħmel il-prova tat-tpaċija, kien imiss lilha li turi illi l-istess żewġ persuni kienu debituri lejn xulxin[2], u din il-prova, fin-nuqqas tad-dokumenti li bih sar il-ftehim, ma saritx.

“Tassew illi l-konvenuta tgħid illi prova illi l-kummissjonijiet kellhom jitħallsu lilha u mhux lil Joseph Bartolo *proprio* saret bil-fatt illi l-fattura tat-28 ta’ Mejju 1998 relativa għas-sena 1997 saret fuq *letterhead* tagħha mhux ta’ Joseph Bartolo, u l-attriċi ħallset fuq dik il-fattura.

“Fattura, iżda, hija dokument unilaterali maħruġ mill-konvenuta u, weħedha, ma tibdilx il-persuni fir-relazzjoni

---

[2] Art. 1196(1), Kod. ~iv.

legali. Barra minn hekk, għalkemm l-attriċi ħallset fuq il-fattura, il-ħlas għamlitu lil Joseph Bartolo, kif tixhed l-ittra ta' l-attriċi tat-18 ta' Gunju 1998 bi struzzjonijiet għall-ħlas lill-*Monte dei Paschi di Siena*, u għalhekk ma jistax jingħad illi, għax ħallset fuq il-fattura, l-attriċi b'xi mod aċċettat illi tinbidel il-persuna li magħha kellha relazzjoni.
"Lanqas ma jista' jingħad, kif tgħid il-konvenuta fl-ewwel eċċezzjoni, illi l-fatt illi l-attriċi aċċettat ħlas ta' dak li, skond il-konvenuta, kien il-bilanċ li l-konvenuta kellha tagħtiha, ifisser illi l-attriċi għarfet it-tpaċija. Kreditur għandu jedd, mhux obbligu, li ma jaċċettax ħlas ta' biċċa biss mid-dejn[3], u l-fatt li jaċċetta ħlas ta' biċċa ma jfissirx illi qiegħed jirrinunzja għall-bqija.
"Il-qorti għalhekk tgħid illi tpaċija ma seħħitx għax il-partijiet ma kinux debituri ta' xulxin. Dan igħodd għall-kummissjonijiet, mhux għall-mija u ħamsin lira (Lm150) li l-konvenuta għandha tieħu mhux bħala kummissjoni iżda għal xogħol li għamlet hi għall-attriċi. Wara din it-tpaċija, il-bilanċ li jifdal favur l-attriċi jinżel għal ħamest elef, mitejn u sitta u ħamsin lira (Lm5,256).
"Ladarba r-relazzjoni ta' aġent u prinċipal ma kinitx mal-konvenuta, ma hux meħtieġ li nqisu meta ntemmet ir-relazzjoni, u lanqas jekk kienx hemm qerq biex intemmet, kif tgħid it-tieni eċċezzjoni."

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati u konsegwentement tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur nomine appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur nomine li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab ir-rigett ta' l-appell u l-konferma tas-sentenza tal-prim istanza, bl-ispejjez taz-zewg istanzi konta s-socjeta` konvenuta appellanti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

---

3 Art. 1156, Kod. ~iv.

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza fejn l-attur nomine qed jitlob hlas ta' somma rapprezentanti bilanc ta' somma akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` konvenuta, kif anke jidher minn dak li ivverbalizza rapprezentant taghha fl-udjenza tal-11 ta' Gunju, 2004 (fol. 36), quddiem l-ewwel Qorti, mhux qed tikkontesta l-ammont mitlub izda qed tallega li l-ammont "hu pacut ma' dak li l-attrici ghandha taghti lill-konvenuta bhala 'commissions'". Dan gie sottomess peress li, fl-1991 gie ffirmat ftehim bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta jew ma' Joseph Bartolo personalment, li in forza taghha l-agent lokali kellu jbiegh prodotti tas-socjeta` attrici hawn Malta u tithallas kummissjoni ta' 1% fuq il-bejgh.

Apparti din l-agenzija, is-socjeta` konvenuta kienet ukoll klijenta tas-socjeta` attrici ghax kienet ukoll tixtri hi stess prodotti minn ghandha. It-talba attrici hija ghall-hlas dovut minn dan l-ahhar negozju, waqt li d-difiza tas-socjeta` konvenuta hi bazata fuq somma flus li hi, bhala agent tad-ditta estera, ghandha tiehu a bazi tal-ftehim tal-1991.

Issa, hu principju li t-tpacija tista' topera biss bejn l-istess zewg persuni li fl-istess hin huma kredituri u debituri ta' xulxin. F'dan il-kaz, is-socjeta` attrici qed topponi t-tpacija ghax qeghda tghid li l-ftehim ta' agenzija tal-1991 kien sar ma' Joseph Bartolo personalment, u mhux mal-kumpanija tieghu, dik konvenuta.

La darba is-socjeta` konvenuta qeghda taccetta l-pretensjoni attrici, u tirribattiha biss bit-tpacija, kien imiss lilha li turi li tinsab kreditrici tas-socjeta` attrici. Din il-prova setghet issir bl-esebizzjoni tal-ftehim ta' agenzija, izda, ghal diversi ragunijiet, dan il-ftehim baqa' ma giex esebit in atti. Jibqa' l-fatt, pero`, li sta ghall-konvenuta turi li hi u mhux persuna ohra, hi kreditrici tas-socjeta` attrici. Il-prezunzjoni hi li min jikkuntratta jaghmel dan f'ismu u mhux f'isem persuna ohra.

Fil-kawza "**Demanuele v. Gagliano et**", deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Mejju, 1995, intqali li
"Min qed jallega li kuntratt ghamlu mhux f'ismu izda fi kwalita` rapprezentattiva ghandu l-oneru li juri li lill-parti l-ohra kien gharrafha li ma kienx qed jidher f'ismu."

Din il-Qorti fil-kawza "**Caruana v. Magro**", deciza fis-6 ta' Ottubru, 1999, citat gurisprudenza fis-sens li
"hija haga minn lewn id-dinja li bniedem normalment jikkontratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor...... . Din il-Qorti jidhrilha li l-konvenut ma rnexxilux jipprova sodifacentment li hu mhux obbligat personalment li jhallas il-kreditu tas-socjeta` attrici. Fi kliem iehor ma jirrizultax sodisfacentement li **meta l-konvenut innegozja mas-socjeta` attrici a tempo vergine hu gab a konjizzjoni taghha li hu kien qieghed jixtri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` u li din is-socjeta` biss kienet obbligata ghall-hlas** (Frank Cilia nomine vs Charles Scicluna deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992; Charles O'Flaherty nomine vs Joseph Micallef deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Gunju, 1987 u Charles Mizzi vs Teddy sive Edward Borg deciza mill-istess Qorti fl-10 ta' Mejju 1990)".

Hekk ukoll fil-kawza "**Formosa v. Pace**", deciza minn din il-Qorti fis-6 ta' Ottubru, 1999, intqal:
"certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqshekk ovvji. **Fejn hemm dubbju pero`, wiehed kellu jipprezumi li l-persuna li qeghda tikkuntratta kienet hekk qeghda taghmel f'isimha proprja**".

F'dan il-kaz, din il-Qorti bhal l-ewwel Qorti qabilha, ma tarax li s-socjeta` konvenuta uriet, sal-grad li trid il-ligi, li hi kreditrici tas-socjeta` attrici. Ic-cirkostanzi li gew murija lil din il-Qorti ma jindikawx, b'certa konvinzjoni, li l-agenzija ma kenitx f'isem Joseph Bartolo izda f'isem is-socjeta` konvenuta. Hu veru li t-talba ghall-hlas tal-kummissjoni kienet issir fuq invoices tas-socjeta` konvenuta, izda l-pagament minn barra ma kienx isir lis-socjeta` konvenuta

izda lil Joseph Bartolo personalment u qatt ma giet indikata oggezzjoni ghal dan il-mod kif kien isir il-hlas. Is-socjeta` konvenuta, tramite r-rapprezentant taghha, tghid li l-ftehim sar maghha, pero`, prova konkreta ta' dan ma gabitx. Is-Sur Bartolo xehed li ma jiftakarx f'liema kariga ffirma l-ftehim. Ir-rapprezentanti tad-ditta estera, ghalkemm ma kienux fimatarji fuq il-ftehim, isostnu li kien is-sur Bartolo li kien mahtur bhala rapprezentant lokali tal-prodotti taghhom. L-ewwel Qorti li kellha okkazzjoni tisma' x-xhieda jiddeponu *viva voce* quddiemha, ma kellha ebda ezitazzjoni tabbracja t-tezi attrici. Il-fatt li l-ewwel Qorti dehrilha li setghet tiddeciedi l-kawza dakinhar stess li semghet ix-xhieda tal-partijiet, jindika l-konvinzjoni morali li tnisslet fl-ewwel Qorti mas-smigh tax-xhieda.

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi prodotti, ma tarax li ghandha tiddisturba d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li tabbracja t-tezi attrici. Kif intwera, il-prezunzjoni hi li kull min jikkuntratta jaghmel hekk f'ismu proprju, u s-socjeta` konvenuta ma wrietx li kienet hi li kienet hadet l-agenzija.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------